**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 10 ta' Lulju, 2024**

**Rikors Revoka Nru: 389/2023 AF**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 549/2023 fl-ismijiet:

**Antoinette Bianchi**

**vs**

**Air Malta plc (C-2685)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Air Malta p.l.c. li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih moghtija, din il-Qorti ntalbet sabiex:

1. Tisma' u tiddeciedi dan ir-rikors revoka b'urgenza a tenur tal-Artikolu 836 (4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 549/23 ma huwiex *prima facie* gustifikat, u huwa eccessiv ai termini tal-Artikolu 836 (1) (d) tal-Kap. 12;

3. Tirrevoka u thassar *in toto* il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 549/23 fl-ismijiet Antoinette Bianchi vs Air Malta plc ai termini tal-Artikolu 836 (1) (d) u (f) u ghalhekk tordna l-hrug ta' kontro-mandat opportun ghar-ragunijiet premessi u ai termini tad-disposizzjonijiet tal-ligi;

4. Sussidjarjament, f'kaz illi l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ma jigix revokat *in toto*, jigi mhassar *in parte* u l-ammont kawtelat jitnaqqas ghal valur reali li huwa ferm inqas minn €700,000 filwaqt li jigu zbankati l-fondi rimanenti a spejjez tas-sekwestranta;

5. Tikkundanna lil Antoinette Bianchi thallas lill-esponenti l-oghla penali kontemplati fl-Art. 838 (8) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan in vista tal-pregudizzju serju mahluq lis-socjetà esponenti, u l-vessatorjetà tal-azzjoni; u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Antoinette Bianchi.

Rat id-dokumenti annessi maghha.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat *in camera*.

Ikkunsidrat illi din tal-lum hija tappa ohra fl-iter gudizzjarju twil fil-vertenza ezistenti bejn Antoinette Bianchi u Air Malta plc li dwaru din il-Qorti ghadha qed tittama li xi darba jinstab il-buon sens miz-zewg nahat bil-ghan li tinghalaq il-ferita darba ghal dejjem. Dan premess doveruz ghall-Qorti tenfasizza li kull ezami li taghmel il-Qorti f'dan l-istadju jibqa' limitat ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn, b'dana illi ebda decizjoni li tasal ghaliha l-Qorti f'din il-procedura ma hija ser tippregudika d-decizjoni finali li ser tiehu l-Qorti fis-sentenza fil-mertu.

Huwa mizmum ukoll illi ghalkemm mandat kawtelatorju jinhareg fuq responsabbilità tal-parti li titolbu, u l-Qorti m'ghandhiex tiskarta leggerment il-jedd ta' kreditur li jikkawtela l-jedd tieghu b'kull mod li taghtih il-ligi, l-istess kreditur m'ghandux johrog mill-parametri tar-ragonevolezza meta jiffissa l-ammont li jrid iqieghed fis-sod.

Fil-mandat mertu ta' din il-proceduri, Antoinette Bianchi qed tivvaluta l-kreditu taghha fl-ammont ta' €700,000 rapprezentanti pagi taghha mill-2015 sad-data tal-irtirar (17-il sena). Issa, ghalkemm huwa mizmum li ma' mandat kawtelatorju mhijiex mehtiega precizjoni fil-kalkolu tal-ammont dovut, daqstant iehor, l-ammont kawtelat m'ghandux jitbieghed bil-wisq minn dak tassew dovut.

Fil-kaz in ezami, minn dak li jidher mad-daqqa t'ghajn s'issa, il-pretensjoni ta' €700,000 mhijiex meqjusa realistika. Ghalkemm issa l-Qorti tal-Appell iddikjarat definittivament li t-tkeccija taghha mill-impieg kienet wahda ngusta, ma jidhrix kontestat illi hija qeghda fil-fatt tircievi paga u infatti rceviet ukoll xi hlasijiet ghall-perjodi precedenti. Ghalhekk il-kalkolu ta' €45,000 ghal 17-il sena qieghed jigi meqjus esagerat. Il-Qorti tinnota li mid-diversi *payslips* esibiti, l-oghla wahda kienet ta' €33,000.

Fl-ahharnett il-Qorti mhijiex qed tinjora d-digriet taghha precedenti fi procedura simili ghal dik tal-lum. Illum qeghda tiddeciedi mod iehor in vista tal-fatt li issa l-Qorti ghandha quddiemha dokumentazzjoni aktar ampja tal-qliegh ta'

Antoinette Bianchi.  Ghalhekk tqis li l-ammont kawtelat bil-mandat ghandu jitnaqqas.

Air Malta plc qed titlob lil din il-Qorti timponi penali fuq is-sekwestranta.  Din il-Qorti ma ssibx li jezistu cirkostanzi li jwassluha taghmel hekk.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' Air Malta plc limitatament billi tordna li l-ammont kawtelat jitnaqqas ghal €300,000 (tlett mitt elf Ewro).

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF